# SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

9 ta' Settembru 2010 *

Fil-Kawża T-119/06,

**Usha Martin Ltd,** stabbilita f'Kolkata (l-Indja), irrappreżentata minn K. Adamantopoulos, avukat, J. Branton, solicitor, V. Akritidis u Y. Melin, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,** irrappreżentat minn J.-P. Hix u B. Driessen, bħala aġenti, assistiti minn G. Berrisch, avukat,

u

**Il-Kummissjoni Ewropea,** irrappreżentata minn P. Stancanelli u T. Scharf, bħala aġenti,

konvenuti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/38/KE, tat-22 ta' Diċembru 2005, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/572/KE li taċċetta impenji offruti f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti antidumping rigward importazzjonijiet ta' ħbula tal-wajer tal-azzar u kejbils [tal-azzar] li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja (ĠU L 118 M, 8.5.2007, p. 97), kif ukoll, min-naħa l-oħra, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 121/2006, tat-23 ta' Jannar 2006, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1858/2005 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' wajer tal-azzar u kejbils [tal-azzar] li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja (ĠU L 270 M, 29.9.2006, p. 67),

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn M. Vilaras, President, M. Prek u V. M. Ciucă (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: K. Pocheć, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Marzu 2010,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

## Il-kuntest ġuridiku

1 Il-leġiżlazzjoni bażika antidumping hija kkostitwita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45), kif emendat (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51, u rettifika ĠU L 7, p. 22)]. L-Artikolu 8(1), (7) u (9) tar-Regolament bażiku [li sar l-Artikolu 8(1), (7) u (9) tar-Regolament Nru 1225/2009] jipprovdi:

"1. Bil-kondizzjoni li tkun saret determinazzjoni provviżorja affermattiva ta' dumping u ta' ħsara, il-Kummissjoni tista' taċċetta offerti ta' garanziji [impenji] volontarji sodisfaċenti sottomessi minn esportatur biex jirrevedi l-prezzijiet tiegħu jew biex iwaqqaf l-esportazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' prezzijiet bid-dumping, jekk, wara konsultazzjoni speċifika mal-Kumitat Konsultattiv, tkun sodisfatta li b'hekk jiġi eliminat l-effett ta' ħsara li jġib miegħu d-dumping. F'każ bħal dan u sakemm jibqu jseħħu dawk il-garanziji, id-dażji provviżorji imposti mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7(1) jew id-dazji definittivi imposti mill-Kunsill skond l-Artikolu 9(4) kif ikun il-każ ma għandhomx jgħoddu għall-importazzjonijiet rilevanti tal-prodott in kwistjoni manifatturat mill-kumpanniji msemmija fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta garanziji, kif sussegwentement emendata. Iż-żidiet fil-prezzijiet taħt dawn

il-garanziji ma għandhomx ikunu ogħla milli jkun neċessarju biex jiġi eliminat il-marġini tad-dumping u għandhom ikunu anqas mill-marġni tad-dumping jekk dawk iż-żidiet ikunu adegwati għat-tneħħija tal-ħsara lill-industrija Komunitarja.

[...]

7. Il-Kummissjoni għandha titlob minn kwalunkwe esportatur li mingħandu jkun ġie aċċettat xogħol [impenn] li jipprovdi, perjodikament, informazzjoni rilevanti biex iseħħ xogħol [impenn] bħal dan u biex jippermetti verifika ta' dejta pertinenti. Nuqqas ta' konformità ma' ħtiġiet bħal dawn għandha tiġi meqjusa bħala ksur ta' l-attività [tal-impenn].

[...]

9. Fil-każ ta' ksur jew irtirar ta' garanziji [impenji] minn xi parti f'dawk il-garanziji, jew fil-każ ta' l-irtirar ta' l-aċċettazzjoni tal-garanzija [tal-impenn] mill-Kummissjoni, l-aċċettazzjoni tal-garanzija tista', wara konsultazzjoni, tiġi rtirata b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni jew Regolament tal-Kummissjoni, kif ikun xieraq, u d-dazju proviżorju li jkun ġie impost mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 7 jew id-dazju definittiv li jkun ġie impost mill-Kunsill skond l-Artikolu 9(4) għandu jgħodd awtomatikament, sakemm l-esportatur interessat ikun ingħata, ħlief fejn hu stess ikun irtira l-garanzija, opportunità biex jikkummenta.

Kull parti interessata jew Stat Membru jistgħu jissottomettu informazzjoni li *prima facie* hi prova ta' ksur ta' garanzija. Il-valutazzjoni sussegwenti jekk ikunx sar ksur ta' garanzija normalment tintemm fi żmien sitt xhur, iżda f'ebda każ f'aktar minn disa'

xhur wara talba debitament sostanzjata. Il-Kummissjoni tista' titlob l-assistenza ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri fil-monitoraġġ fuq il-garanziji."

**Il-fatti li wasslu għall-kawża**

2 Ir-rikorrenti, Usha Martin Ltd, hija kumpannija rregolata bid-dritt Indjan li tipproduċi kejbils tal-azzar u li tesportahom, b'mod partikolari, lejn l-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti u l-kumpannija Wolf ħolqu impriża komuni Brunton Wolf Wire & Ropes, li hija stabbilita fid-Dubai (l-Emirati Għarab Magħquda). Brunton Wolf Wire & Ropes tipproduċi wkoll kejbils tal-azzar li hija tesporta lejn l-Unjoni.

3 Fit-12 ta' Awwissu 1999, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1796/1999, li jimponi dazju definitiv antidumping, u li jiġbor b'mod definitittiv id-dazju proviżorju impost, fuq importazzjoni ta' ħbula u kejbils tal-azzar ġejjin mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, l-Messiku, il-Polonja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna u li jtemm il-proċeduri legali kontra antidumping minn importazzjonijiet ġejjin mir-Repubblika tal-Korea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 32, p. 106).

4 Il-prodotti kkonċernati mir-Regolament Nru 1796/1999 huma l-kejbils tal-azzar kollha, inklużi l-ħbula locked coil, barra dawk tal-istainless steel, li d-dimensjoni trasversali tagħhom, fl-ikbar daqs tagħha, hija iktar minn 3 millimetri. Peress li l-kejbils tal-azzar kollha għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi kif ukoll l-istess użu essenzjali, minkejja li jeżistu xi differenzi bejn il-prodotti fil-parti inferjuri u dik superjuri tal-familja ta' prodotti, l-istituzzjonijiet ikkonkludew li l-prodotti

kollha f'din il-familja ta' prodotti jikkostitwixxu prodott uniku, sa fejn il-kejbils tal-azzar fi gruppi relatati qegħdin f'kompetizzjoni ma' xulxin.

5 Ir-rata individwali ta' dazju antidumping imposta fuq ir-rikorrenti fil-premessa 86 tar-Regolament Nru 1796/1999, kif ukoll fl-Artikolu 1(2) tiegħu, kienet ta' 23.8 %. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1796/1999, il-kejbils tal-azzar esportati mill-kumpanniji li offrew impenji aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea, fosthom ir-rikorrenti, huma eżenti mid-dazju antidumping inkwistjoni.

6 Fl-impenn tagħha offert skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku, ir-rikorrenti ntrabtet b'mod partikolari li tosserva l-prezzijet minimi iffissati għall-esportazzjonijet ta' kejbils tal-azzar lejn l-Unjoni sabiex b'hekk tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-effetti dannużi tad-dumping.

7 Ir-rikorrenti ntrabtet ukoll li kull bejgħ tal-prodott ikkonċernat ikollu fattura konformi mal-impenn (iktar 'il quddiem il-"fattura konformi"), jiġifieri li jkun fiha l-informazzjoni deskritta fl-Anness VI tal-impenn (punt 4.1 tal-impenn). Skont il-punt 4.2 tal-impenn, ir-rikorrenti ntrabet li ma toħroġx fatturi konformi għal "prodotti mhux koperti mill-impenn". Skont il-punt 4.3 tal-impenn, ir-rikorrenti "hija konxja tal-fatt li, jekk jinstab li hija ħarġet fatturi konformi li ma josservawx il-klawżoli [tal-imsemmi] impenn, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tiddikjara li d-dikjarazzjoni ta' konformità mwettqa [minnha] fuq il-fattura inkwistjoni hija invalida u li tinforma konsegwentement lill-awtoritajiet doganali kompetenti tal-Istati Membri, u dan bla ħsara għall-possibbiltà tal-istituzzjonijiet Komunitarji li jieħdu kull miżura prevista [fil-punt] 8 [tal-imsemmi] impenn".

8 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ntrabtet li tinforma, kull tliet xhur, lill-Kummissjoni, f'rapporti ddettaljati u skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa, bil-bejgħ kollu tagħha ta' kejbils tal-azzar fl-Unjoni, inkluż dak tal-kejbils tal-azzar mhux koperti mill-impenn, u li tikkoopera mal-Kummissjoni billi tipprovdilha kull informazzjoni meqjusa neċessarja minnha sabiex tiżgura l-osservanza tal-impenn (punt 5 u l-Annessi II, III, IV u V tal-impenn).

9 Barra minn hekk, skont il-punt 6 tal-impenn, ir-rikorrenti għandha l-obbligu li ma taħrabx mid-dipożizzjonijiet tal-impenn billi, pereżempju, ma tikkonkludix direttament jew indirettament arranġamenti għal kumpens ma' klijenti fl-Unjoni.

10 Fl-aħħar, il-punt 8 tal-impenn, intitolat "Ksur jew irtirar", jipprovdi li:

"[Ir-rikorrenti] hija konnxja tal-fatt li, bla ħsara [għall-punt] 8.3:

— in-nuqqas ta' osservanza ta' dan l-impenn jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni mal-Kummissjoni [...] fil-verifika ta' dan l-impenn ser jiġi kkunsidrat bħala ksur ta' dan l-impenn; dan jinkludi n-nuqqas tal-preżentata tar-rapporti meħtieġa skont il-[punt] 5 fit-termini previsti, għajr fil-każ ta' forza maġġuri;

— meta hija jkollha raġuni sabiex taħseb li l-impenn ġie miksur, il-Kummissjoni [...] għandha d-dritt timponi immedjatament dazju antidumping provviżorju fuq il-bażi tal-aħjar informazzjoni disponibbli, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(10) tar-Regolament bażiku;

— bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku, meta l-impenn jiġi miksur, jew irtirat mill-Kummissjoni [...] jew [mir-rikorrenti], dazju antidumping definittiv jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' fatti kkonfermati fil-kuntest tal-investigazzjoni li wasslet għall-impenn, bil-kundizzjoni li [ir-rikorrenti] jkollha l-possibbiltà tippreżenta l-kummenti tagħha, ħlief jekk kienet hija stess li rtirat l-impenn."

11 Skont it-tielet inċiż tal-punt 1 tal-impenn, id-dispożizzjonijiet u l-klawżoli tal-impenn japplikaw mhux biss fuq ir-rikorrenti iżda wkoll fuq kull kumpannija marbuta magħha fid-dinja kollha.

12 Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/572/KE, tat-13 ta' Awissu 1999, li taċċetta x-xogħlijiet [l-impenji] midħula għalihom offruti f'konnessjoni mal-proċedimenti ta' kontra d-dumping li jirrigwardaw l-importazzjonijiet tal-ħbula u l-kejbils tal-wajer tal-azzar li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Ungerija, l-Indja, ir-Repubblika tal-Korea, il-Messiku, il-Polonja, l-Afrika ta' Isfel u l-Ukrajna (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 32, p. 119), il-Kummissjoni aċċettat, b'mod partikolari, l-impenn offrut mir-rikorrenti.

13 Fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-impenn, skont il-punti 5.1 u 5.4 tal-impenn, il-Kummissjoni żaret il-bini tar-rikorrenti fl-Indja u fl-Emirati Għarab Magħquda f'Jannar u fi Frar 2005.

14 B'ittra tat-12 ta' Mejju 2005, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti li, wara l-investigazzjoni, hija qieset li r-rikorrenti kienet kisret l-impenn tliet darbiet u li, konsegwentement, hija kellha l-intenzjoni tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn min-naħa tagħha.

15 B'ittri tal-20 ta' Mejju, tad-29 ta' Awwissu u tas-6 ta' Settembru 2005, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-konstatazzjoni ta' ksur tal-impenn u dwar l-irtirar ippjanat mill-Kummissjoni.

16 Fit-8 ta' Novembru 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1858/2005, tat-8 ta' Novembru 2005, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ħbula u kejbils tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, l-Indja, l-Afrika t'Isfel u l-Ukrajna wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku (ĠU L 299, p. 1). Permezz tar-Regolament Nru 1858/2005, il-Kunsill iddeċieda li l-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriginaw, fost oħrajn, mill-Indja, stabbiliti permezz tar-Regolament Nru 1796/1999, kellhom jiġu estiżi b'ħames snin addizzjonali.

17 Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/38/KE, tat-22 ta' Diċembru 2005, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/572/KE li taċċetta impenji offruti f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti antidumping rigward importazzjonijiet ta' ħbula tal-wajer tal-azzar u kejbils [tal-azzar] li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja (ĠU L 118 M, 8.5.2007, p. 97, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni ddeċidiet li tirtira l-aċċettazzjoni tal-impenn dwar l-importazzjonijiet ta' kejbils tal-azzar offert mir-rikorrenti u, konsegwentement, li temenda d-Deċiżjoni 1999/572, li permezz tagħha kienet aċċettat l-impenn. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppreżentat, fit-23 ta' Diċembru 2005, proposta ta' regolament lill-Kunsill dwar l-irtirar tal-aċċetazzjoni tal-impenn u sabiex jiġu stabbiliti dazji antidumping definittivi kontra r-rikorrenti [dokument COM (2005) 541 finali].

18 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkonstatat tliet każijiet ta' ksur tal-impenn. L-ewwel nett, l-eżami tad-dokumenti tal-kontabbiltà tar-rikorrenti rrivela li volumi sostanzjali tal-prodott ikkonċernat mhux koperti mill-impenn ma ġewx inklużi, għall-kuntrarju ta' dak li kien previst fil-punt 5.2 u fl-ewwel paragrafu tal-Anness IV tal-impenn, fir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar il-bejgħ mibgħuta mir-rikorrenti lill-Kummissjoni. It-tieni nett, il-Kummissjoni kkonstatat li l-merkanzija inkwistjoni nbiegħet mir-rikorrenti, bi ksur tal-punti 4.2 u 4.3 tal-impenn, lil importaturi konnessi magħha stabbiliti fir-Renju Unit u fid-Danimarka u ġiet inkluża fil-fatturi

konformi. It-tielet nett, il-verifika fil-bini ta' Brunton Wolf Wire & Ropes fid-Dubai rrilevat li ċerti kejbils tal-azzar kienu ġew esportati mill-Emirati Għarab Magħquda lejn l-Unjoni u ddikjarati bħala li joriġinaw mill-Emirati Għarab Magħquda, meta fil-fatt kienu ta' oriġini Indjana.

19 Kien għalhekk li l-Kunsill adotta, fit-23 ta' Jannar 2006, ir-Regolament (KE) Nru 121/2006, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1858/2005 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' wajer tal-azzar u kejbils [tal-azzar] li joriġinaw, *inter alia*, mill-Indja (ĠU L 270 M, 29.9.2006, p. 67, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat"). Skont l-Artikolu 1 tar-regolament ikkontestat, ir-rikorrenti ġiet irtirata mil-lista ta' kumpanniji eżenti mid-dazji antidumping definittivi. Konsegwentement, id-dazju antidumping definittiv b'rata ta' 23.8 % impost fuq ir-rikorrenti skont il-premessa 86 u l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1796/1999 u pospost permezz tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 1858/2005, ġie applikat fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, immanifatturat mir-rikorrenti u esportat lejn l-Unjoni.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

20 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' April 2006, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

21 Billi l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lill-Ħames Awla, li lilha, għaldaqstant, ġiet assenjata din il-kawża.

22 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. It-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2010.

23 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonċernaha u sa fejn tirtira l-aċċettazzjoni ta' impenn dwar il-prezzijiet minimi fis-seħħ preċedentement;

— tannulla r-regolament ikkontestat sa fejn jikkonċernaha u sa fejn jeżegwixxi d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

24 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

25 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

26 Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tressaq żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, u, it-tieni wieħed, fuq żball ta' liġi, nuqqas ta' motivazzjoni u abbuż ta' poter fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati.

*Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

L-argumenti tal-partijiet

27 Fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, ir-rikorrenti ssostni essenzjalment li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, iż-żewġ irregolaritajiet imqajma mill-Kummissjoni, l-ewwel nett, in-nuqqas li jiġi pprovdut rapport dwar il-bejgħ mhux kopert

mill-impenn u, it-tieni nett, l-użu ta' fatturi konformi, ma jikkostitwixxux ksur importanti tal-impenn li jippermetti lill-Kummissjoni timponi fuq ir-rikorrenti sanzjoni daqshekk drastika bħall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn. Il-Kummissjoni setgħet tirrikorri għal sanzjonijiet inqas gravi għar-rikorrenti, bħal ordni sabiex ma terġax twettaq l-istess żball fil-futur.

28 Skont l-Artikolu 5 KE, l-azzjoni meħuda mill-Komunità ma għandhiex teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-Trattat. Konsegwentement, il-prinċipju ta' proporzjonalità, previst mit-Trattat KE, jirrikjedi li l-mezzi użati mill-istituzzjonijiet ikunu proporzjonali għall-għan li jrid jintlaħaq. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tipprovdi li l-prinċipju ta' proporzjonalità, bħala prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju, jirrikjedi li l-atti tal-istituzzjonijiet ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u meħtieġ għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintħalqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, u dan bil-kundizzjoni li, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u bil-kundizzjoni li l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet inkwistjoni.

29 Skont ir-rikorrenti, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità hija, fil-kawża preżenti, iktar u iktar importanti fid-dawl tal-fatt li l-Kummissjoni, meta tiddeċiedi li tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn skont l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, tgawdi marġni ta' diskrezzjoni kunsiderevoli, li l-eżerċizzju tagħha għandu josserva l-prinċipju ta' proporzjonalità.

30 F'dan ir-rigward, huwa evidenti li l-irtirar tal-aċċetazzjoni ta' impenn huwa miżura gravi li taffettwa b'mod qawwi l-attivitajiet tal-kumpannija kkonċernata, u li għaldaqstant huwa att manifestament eċċessiv meta ma jkun ġie kkonstatat ebda ksur gravi tal-impenn.

31 Issa, fil-kawża preżenti, fir-rigward tal-ewwel ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni, ma huwiex ikkontestat li l-esportazzjonijiet ikkonċernati min-nuqqas ta' provvista tar-rapport ta' kull tliet xhur ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn. Konsegwentement, dan in-nuqqas ma ħoloq l-ebda ħsara apprezzabbli għall-interessi tal-industrija Komunitarja. Peress li l-għan ta' impenn huwa li jikseb vantaġġ potenzjali għal esportatur filwaqt li fl-istess ħin jiggarantixxi protezzjoni minima għall-industrija Komunitarja, il-ksur inkwistjoni ma jistax jiġi kkwalifikat bħala ksur sostanzjali.

32 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni b'mod partikolari li l-ksur tal-obbligu li jitlesta rapport dwar il-bejgħ mhux kopert mill-impenn ma jdaħħalx inkwistjoni l-osservanza tal-għan prinċipali tal-impenn, jiġifieri l-osservanza ta' prezz minimu tal-importazzjoni. Issa, ir-rikorrenti dejjem wettqet dan l-obbligu prinċipali. Dan huwa minnu iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-informazzjoni meħuda mir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar il-bejgħ, kemm jekk kopert mill-impenn u kemm jekk le, tindika dak li impriża partikolari tafferma li tkun esportat u mhux dak li tkun realment esportat. Għaldaqstant, l-informazzjoni meħuda mir-rapporti ta' kull tliet xhur għandha biss valur indikattiv. Barra minn hekk, żball uman li jikkonsisti fin-nuqqas li jsir rapport waqt perijodu qasir fir-rigward ta' ċertu bejgħ mhux kopert mill-impenn ma jippreġudikax il-"funzjonament tajjeb tal-impenn".

33 Waqt is-seduta r-rikorrenti ppreċiżat li l-impenn ġie applikat għal sitt snin u li l-Kummissjoni, waqt l-investigazzjoni tagħha, ħadet inkunsiderazzjoni perijodu ta' 24 xahar. Issa, għal dan il-perijodu ta' 24 xahar, il-Kummissjoni kkonstatat biss li xi tranżazzjonijiet b'volum ta' madwar 150 tunnellata ma ġewx inklużi f'wieħed mir-rapporti ta' kull tliet xhur. Għaldaqstant, l-ewwel ksur ġie kkonstatat biss għal perijodu wieħed ta' tliet xhur fuq sitt snin.

34 Fir-rigward tat-tieni ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni, li jikkonsisti fl-inklużjoni żbaljata ta' bejgħ tal-prodott ikkonċernat mhux kopert mill-impenn fil-fatturi konformi, ir-rikorrenti tikkunsidrah ukoll bħala ksur ta' importanza żgħira. F'dan

ir-rigward, il-fatt li seta' jkun hemm konfużjoni fir-rigward tat-tħejjija jew le ta' fatturi konformi għal prodotti mhux koperti mill-impenn ma jistax idaħħal inkwistjoni l-osservanza tal-impenn.

35 B'mod partikolari, ir-rikorrenti ssostni li d-dazji antidumping fuq l-importazzjonijiet inkwistjoni ġew kompletament imħallsa u li hija ma pprovatx tevita l-ħlas tagħhom. Waqt is-seduta, ir-rikorrenti żiedet, f'dan ir-rigward, li hija kienet ipprovdiet lill-Kummissjoni, permezz ta' żewġ faks tal-14 u tat-30 ta' Marzu 2005, il-prova ta' ħlas tad-dazji antidumping ikkonċernati. Il-fatt li dawn id-dazji antidumping kienu tħallsu kien paċifiku bejn il-partijiet waqt il-proċedura amministrattiva u ġie kkontestat għall-ewwel darba mill-Kummissjoni u mill-Kunsill fil-kontrorepliki tagħhom.

36 Konsegwentement, ir-rikorrenti hija tal-opinjoni li l-impenn inżamm fl-aspetti fundamentali tiegħu peress li l-prezzijiet minimi kienu ġew osservati għall-prodotti koperti mill-impenn u peress li d-dazji antidumping tħallsu għall-prodotti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn.

37 Skont ir-rikorrenti, il-ksur ikkonstatat mill-Kummissjoni dwar ir-rapporti ta' kull tliet xhur u l-fatturi konformi, ksur li r-rikorrenti ammettiet, huwa biss ksur tekniku ftit gravi. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ssostni li hija ma ammettietx li dan il-ksur kien ksur importanti u żżid li l-grad ta' importanza tal-ksur għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata s-sanzjoni.

38 Konsegwentement, ir-rikorrenti hija tal-opinjoni li l-miżura drastika tal-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn, flimkien mal-konsegwenzi kollha li jirriżultaw minnha, minħabba żball uman ta' natura amministrattiva daqstant insinjifikattiv bħalma huwa l-każ fil-kawża preżenti, ma hijiex proporzjonata, iżda tikkostitwixxi reazzjoni

manifestament eċċessiva li tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Miżura inqas radikali kienet tippermetti li jintlaħqu l-għanijiet identifikati.

39 Barra minn hekk, in-natura eċċessiva tal-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn hija wkoll f'kontradizzjoni, skont ir-rikorrenti, mal-Artikolu 15 tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-ftehim ġenerali dwar it-tariffi u l-kummerċ 1994 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 21, p. 189, iktar 'il quddiem il-"ftehim antidumping"), li jistabbilixxi obbligu għall-pajjiżi żviluppati, bħal dawk li jikkostitwixxu l-Unjoni, liema obbligu huwa fformulat kif ġej: "attenzjoni speċjali għandha tingħata mill-pajjiżi Membri żviluppati fil-każ speċjali tal-Pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw meta titqies l-applikazzjoni għal miżuri kontra d-dumping [antidumping] taħt dan il-Ftehim". L-Artikolu 15 tal-ftehim antidumping ifisser li għandha tittieħed speċjalment inkunsiderazzjoni l-konklużjoni ta' impenji mal-pajjiżi membri li qed jiżviluppaw. Issa, dan l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 15 tal-ftehim antidumping għandu jiġi estiż lil hinn mill-konklużjoni tal-impenji, jiġifieri anki għas-sorveljanza ta' dawn l-impenji.

40 Fil-premessi 34 u 35 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni warrbet, b'mod żbaljat, l-applikazzjoni tal-Artikolu 15 tal-ftehim antidumping billi kkunsidrat li fil-kawża preżenti kien involut grupp multinazzjonali ta' impriżi. L-istruttura tal-kumpannija b'ebda mod ma tibdel il-fatt li l-Indja hija pajjiż li qed jiżviluppa fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, u huwa b'mod partikolari minħabba l-post ta' stabbiliment tar-rikorrenti fl-Indja li għandu jiġi applikat l-Artikolu 15 tal-ftehim antidumping.

41 Ir-rikorrenti ssostni li, fil-kawża preżenti, l-irtirar ta' impenn fuq il-bażi ta' żball amministrattiv li ma jagħmilx ħsara jmur kompletament kontra l-ispirtu tal-Artikolu 15 tal-ftehim antidumping. Huwa suffiċjenti li jinqara t-test tal-impenn sabiex jinftiehem li huwa diffiċli li jiġi osservat sal-iċken dettall. Għalkemm ir-rikorrenti tista' tifhem li ksur sostanzjali ta' impenn jista' jwassal għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tiegħu, hija ma tistax tifhem kif sempliċi żball amministrattiv jista' jwassal għall-istess konsegwenza. Fid-dawl tan-nuqqas ta' ksur importanti tal-impenn, tal-fatt li hija dejjem uriet *bona fide* lejn il-Kummissjoni matul diversi snin u fid-dawl tal-fatt li hija dejjem kienet disposta tissuġġetta ruħha għall-investigazzjonijiet tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti

ma tarax ġustifikazzjoni għall-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn. F'tali sitwazzjoni, fejn l-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħa diskrezzjonali tagħha jirriżulta f'riskju kbir għall-esportatur ta' pajjiż li qed jiżviluppa, ir-rikorrenti tikkunsidra li huwa sproporzjonat li jintemm l-impenn minħabba ksur li hija tikkunsidra li huwa ta' importanza minima.

42 Fir-replika, ir-rikorrenti tikkontesta l-pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill li tipprovdi, minn naħa, li kull nuqqas ta' osservanza litterali tal-impenn jikkostitwixxi raġuni suffiċjenti sabiex tiġi rtirata l-aċċettazzjoni tiegħu u, min-naħa l-oħra, li ma hemmx distinzjoni skont il-gravità tan-nuqqas. Il-ġurisprudenza li fuqha l-istituzzjonijiet jibbażaw din it-teżi tirrigwarda ċirkustanzi kompletament differenti minn dawk tal-kawża preżenti. Skont ir-rikorrenti, għall-kuntrarju, il-kwistjoni li tqum fil-kuntest tal-ewwel motiv hija dwar liema huwa l-grad ta' gravità ta' ksur li jiġġustifika l-irtirar tal-aċċettazzjoni ta' impenn.

43 Il-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni jikkontestaw l-argumenti tar-rikorrenti.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

44 Għandu jiġi mfakkar li, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, stabbilit fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 5 KE, il-legalità ta' leġiżlazzjoni Komunitarja hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-mezzi li hija timplementa jkunu adegwati sabiex jintlaħaq l-għan leġittimament segwit mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq, u dan bil-kundizzjoni li, meta jkun

hemm għażla bejn diversi miżuri adegwati, għandha tintgħażel, bħala prinċipju, dik l-inqas restrettiva (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ġunju 1996, NMB France *et* vs Il-Kummissjoni, T-162/94, Ġabra p. II-427, punt 69; tad-29 ta' Settembru 2000, International Potash Company vs Il-Kunsill, T-87/98, Ġabra p. II-3179, punt 39, u tal-4 ta' Lulju 2002, Arne Mathisen vs Il-Kunsill, T-340/99, Ġabra p. II-2905, punt 112).

45 Madankollu, fir-rigward ta' qasam bħal dak tal-politika kummerċjali komuni fejn il-leġiżlatur Komunitarju għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa, li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi mogħtija lilu mit-Trattat, hija biss in-natura manifestament inadegwata ta' miżura adottata f'dan il-kamp, meta mqabbla mal-għan li l-istituzzjoni kompetenti għandha r-responsabbiltà li ssegwi, li tista' taffettwa l-legalità ta' tali miżura (ara s-sentenza NMB France *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punti 70 u 71, u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-leġiżlatur Komunitarju f'dan il-qasam tikkorrispondi għas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li ġurisprudenza stabbilita tirrikonoxxi lill-istituzzjonijiet Komunitarji meta dawn jadottaw, bl-applikazzjoni ta' regolamenti bażiċi, atti ta' protezzjoni antidumping konkreti (sentenza tal-Qorti Ġenerali, NMB France *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 72; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ottubru 1983, Fediol vs Il-Kummissjoni, 191/82, Ġabra p. 2913, punt 30, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1995, NTN Corporation u Koyo Seiko vs Il-Kunsill, T-163/94 u T-165/94, Ġabra p. II-1381, punti 70 u 113).

47 Minn dan isegwi li l-istħarriġ tal-qorti għandu jkun limitat, fil-qasam tal-protezzjoni kontra l-miżuri ta' dumping, għall-kwistjoni jekk il-miżuri stabbiliti mil-leġiżlatur Komunitarju humiex manifestament inadegwati meta mqabbla mal-għan segwit (sentenzi NMB France *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 73, u Arne Mathisen vs Il-Kunsill, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 115).

48 Fil-kawża preżenti, huwa paċifiku li r-rikorrenti ma osservatx l-impenn inkwistjoni f'żewġ każijiet, l-ewwel nett, billi kisret l-obbligu tagħha li tipprovdi r-rapporti ta' kull tliet xhur dwar il-bejgħ tal-prodott ikkonċernat mhux kopert mill-impenn (punt 5.2 u l-ewwel paragrafu tal-Anness IV tal-impenn) u, it-tieni nett, billi kisret l-obbligu tagħha li ma toħroġx fatturi konformi għal prodotti mhux koperti mill-impenn (punti 4.1 u 4.2 tal-impenn).

49 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti essenzjalment issostni, fil-kuntest tal-ewwel motiv tagħha, li ż-żewġ irregolaritajiet imqajma mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxux ksur importanti tal-impenn li jippermetti lill-Kummissjoni timponi sanzjoni daqshekk drastika fuq ir-rikorrenti bħalma huwa l-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Kummissjoni setgħet tirrikorri għal sanzjonijiet inqas gravi għar-rikorrenti, bħal ordni sabiex ma twettaqx mill-ġdid l-istess żball fil-futur, ħaġa li, barra minn hekk, ir-rikorrenti kienet wegħdet lill-Kummissjoni.

50 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'.

51 Fil-fatt, l-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li mill-Artikolu 8(7) u (9) tar-Regolament bażiku jirriżulta li kull ksur ta' impenn jew tal-obbligu ta' kooperazzjoni fil-kuntest tal-eżekuzzjoni u tas-sorveljanza tal-imsemmi impenn huwa suffiċjenti sabiex jippermetti lill-Kummissjoni li tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn u li timponi dazju antidumping definittiv fuq il-bażi ta' fatti stabbiliti fil-kuntest tal-investigazzjoni li tkun wasslet għall-impenn, bil-kundizzjoni li din l-investigazzjoni tkun intemmet b'determinazzjoni finali tad-dumping u tal-ħsara, u bil-kundizzjoni li l-esportatur ikkonċernat kellu huwa stess il-possibbiltà jippreżenta l-kummenti tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arne Mathisen vs Il-Kunsill, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 118). F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma tikkontestax li dawn il-kundizzjonijiet ġew sodisfatti fil-kawża preżenti.

52 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, skont il-ġurisprudenza, il-ksur ta' impenn huwa suffiċjenti fih innifsu sabiex iwassal għall-irtirar tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2000, Miwon vs Il-Kunsill, T-51/96, Ġabra p. II-1841, punt 52, u Arne Mathisen vs Il-Kunsill, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 57).

53 It-tieni nett, għandu jiġi mfakkar li, għalkemm il-prinċipju ta' proporzjonalità japplika għall-kwistjoni jekk l-ammont tad-dazji antidumping imposti huwiex adegwat fir-rigward tal-ħsara mġarrba mill-industrija Komunitarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' April 1993, Findling Wälzlager, C-136/91, Ġabra p. I-1793, punt 13), dan il-prinċipju ma japplikax, għall-kuntrarju, għall-kwistjoni tal-impożizzjoni nnifisha tal-imsemmija dazji (sentenza Arne Mathisen vs Il-Kunsill, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 121).

54 Issa, l-irtirar tal-aċċettazzjoni tal-impenn iwassal għall-applikazzjoni ta' dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ikkonċernati tar-rikorrenti. B'hekk, fil-kawża preżenti, ir-regolament ikkontestat, minn naħa, implementa l-irtirar tal-impenn inkwistjoni mid-deċiżjoni kkontestata, billi emenda r-Regolament Nru 1858/2005, u, min-naħa l-oħra, irtira lir-rikorrenti mil-lista ta' kumpanniji eżenti mid-dazji antidumping definittivi. Konsegwentement, u skont l-Artikolu 8(9) tar-Regolament bażiku, ir-rata ta' dazju antidumping definittiv ta' 23.8 %, iffissata fuq il-bażi ta' fatti stabbiliti fil-kuntest tal-investigazzjoni li wasslet għall-impenn, hija applikabbli fuq l-importazzjonijiet ikkonċernati tar-rikorrenti u hija ekwivalenti, għaldaqstant, għall-impożizzjoni fil-veru sens tal-kelma ta' dawn id-dazji.

55 Minn dan isegwi li l-legalità tal-irtirar tal-aċċettazzjoni ta' impenn ma tistax, bħala tali, tiġi kkontestata fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Arne Mathisen vs Il-Kunsill, iċċitata fil-punt 44 iktar 'il fuq, punt 122).

56 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi, fuq nuqqas ta' motivazzjoni u fuq abbuż ta' poter fir-rigward tal-oriġini tal-prodotti kkonċernati*

57 Fir-rigward tat-tieni motiv, dan jirrigwarda, skont ir-rikorrenti, it-tielet ksur tal-impenn ikkonstatat mill-istituzzjonijiet, dwar l-oriġini tal-prodotti mmanifatturati fid-Dubai, u mhux il-ksur allegat fil-kuntest tal-ewwel motiv. Issa, mill-eżami tal-ewwel motiv jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet tirtira l-aċċettazzjoni tagħha tal-impenn mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

58 Konsegwentement, peress li t-tieni motiv huwa ineffettiv, ir-rikors għandu jiġi miċħud fit-totalità tiegħu.

**Fuq l-ispejjeż**

59 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż tal-Kunsill u l-Kummissjoni, skont it-talbiet ta' dawn tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rikors huwa miċħud.**

2) **Usha Martin Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.**

| | | |
|---|---|---|
| Vilaras | Prek | Ciucă |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Settembru 2010.

Firem